MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 201/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**
Mark Heraghty

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 t'Ottubru, 2005 ghall-habta tal-5.05 p.m., fi Triq il-Kandlora, Zebbug saq vettura numru. KBH-376 :**
**1) b'manjiera traskurata;**
**2) u aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjar lil Carmel Muscat li kien riekeb rota w involontarjament ikkagunalu offizi ta' natura gravi skond kif iccertifikat Dr. Michaela Frendo MD ta' St. Luke's Hospital.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Mejju, 2006, li biha, stante konflitt ta’ provi, ma sabitx lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu u minnhom illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta’ Gunju, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f’dawn l-akkuzi, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza w decizjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe’ li l-Ewwel Qorti, erronjament illiberat lill-appellat mil-akkuza minhabba nuqqas ta’ dehra tax-xhud Surgent Carter, minkejja li giet esebita riferta pozittiva fil-konfront tieghu, b’ mod li allura allegatament giet konfrontata b’ konflitt ta’ provi, konflitt li facilment seta’ jigi rizolt bix-xhieda tal-imsemmi Surgent Carter. F’ sitwazzjoni simili, jekk xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem il-Qorti, jonqos li jaghmel hekk, sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sentenza imma ghandha rimedji ohra. Altrimenti l-kawzi w l-ezitu taghhom jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le. (ara** “Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri” **App. Krim. [5.1.1996] ). Mhux biss izda talli meta jirrizulta li dak ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz tal-prosekuzzjoni (kif kien fil-kaz odjern), il-Qorti ghandha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud kif provvdut fl-artikolu 441 (4) tal-Kodici Kriminali. Jekk dan ma jsirx, l-Avukat Generali ikollu d-dritt ta’ appell skond l-artikolu 413 (1) (b) (vi). (ara** ”Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**” App. Krim. 25.7.1994). F’ sitwazzjoni simili, l-Qorti ma tistax tibqa’ ghaddejja qiesu ma gara xejn.**

**Bhala minimu dik il-Qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghall-ammenda w, kemm il-darba il-Qorti ma tkunx tal-fehma (li ma kienetx fil-kaz odjern) li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, l-Qorti ghandha ukoll tordna li dak ix-xhud jingieb b' mandat t' akkumpanjament jew b' mandat t' arrest (art. 441 (4) u 525 (1) (a) tal-Kodici Kriminali.) Anqas ma huwa argument validu dak li jigi ta' spiss ventilat quddiem il-Qrati Inferjuri w cioe' li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-Qorti ghandha tibqa' ghaddejja u kif jigri ta' spiss, tillibera. L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet : il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 373, l-offiz/ kwerrelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu tal-kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-depozizzjoni tieghu. (ara** “Il-Pulizija vs. Pierre Schembri**” App. Krim. 8.1.1996).**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal tal-lum li bih il-partijiet qabblu li s-sentenza appellata ghandha tigi annullata w li l-process jerga' jintbaghat quddiem l-Ewwel Qorti.**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell li jirrigwarda in-nullita' tal-procediment quddiem l-Ewwel Qorti w ergo tas-sentenza appellata li segwiet tali procediment. Kif jidher mill-verbali tal-prime note li jinsabu fil-process, fl-10 ta' Marzu, 2006, meta ssejhet il-kawza, deher l-Ufficjal Prosekutur izda l-imputat, imsejjah diversi drabi ma deherx u l-kawza gietdifferita. (fol. 2). Fis-seduta tal-24 ta' Marzu, 2006, dehru l-ufficjal prosekutur u l-imputat appellat assistit minn Dr. G. Gulia, izda ghal xi raguni mhux specifikata fil-verbal, il-kawza giet differita ghas-26 ta' Mejju, 2006 (fol. 3).**

**Fis-seduta tas-26 ta' Mejju , 2006, ma deherx is-Surgent PS 238 Carter.Gie mbaghad verbalizzat hekk *"inter alia*":-**

***"Il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li m'ghandhiex riferta pozittiva tas-Surgent 238 Carter u ghaldaqstant titlob differiment sabiex ghal darb' ohra jitla' jixhed l-imsemmi Surgent;***

***"Dr. Gulia ghall-imputat filwaqt li jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni li tiehu din il-Qorti, jirrileva li din hija t-tieni darba konsekuttiva li dan ix-xhud ma deherx;***

***"Waqt li l-Qorti kienet qed taghmel id-digriet taghha l-assistant tal-Prosekuzzjoni kompla jfittex fir-riferti u sab ir-riferta pozittiva tas-surgent 238 Carter li bi zvista kienet iddahhlet wara karti ohra simili ghaliha u li jammontaw ghal aktar minn mija."***

***"Filwaqt li tiskuza ruhha ghal kull inkjonvenjent, jesebixxi tali rifertas tas-surgent Carter;…..***

***Tordna l-prosegwiment tal-kawza."***

**"Xehed bil-gurament Carmel Muscat;"**

***"L-ufficjal prosekutur jitlob differiment in vista tar-riferta esebita;"***

***"Il-Qorti tichad it-talba."…..***

***Inghatat sentenza."***

**Dan ifisser li l-Ewwel Qorti lliberat minghajr ma semghet lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni li kien investiga l-incident. Il-motivazzjoni tal-istess sentenza mbaghad kienet testwalment din:-**

"Stante konflitt ta' provi ma ssibx lill-imputat Mark Heraghty hati ta' din l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah."

**Issa hu ovvju li f' materja ta' incidenti stradali,fejn mhux insolitu li l-partijiet involuti jaghtu versjonijiet konfliggenti, x-xiehda tal-ufficjal tal-Pulizija li jkun mar fuq il-post tal-incident u ha l-versjonijiet tal-partijiet *"a tempo vergine"* hija wahda ferm importanti mhux biss biex jigu stabbiliti it-tracci li jkunu nstabu fuq il-post u li jistghu ikunu ta' importanza indizjarja qawwija biex tigi emmnuta versjoni wahda jew l-ohra tal-partijiet meta dawn ikunu konfliggenti, imma ukoll biex jigi stabilit x' ikunu qalu l-partijiet immedjetament wara l-incident u qabel ma jkollhom l-opportunita' li jikkonsultaw ruhom ma haddiehor. Ghalhekk din il-Qorti thoss li dax-xhud kien wiehed indispensabbli ghall-prosekuzzjoni li mhux ta' b' xejn ghal darbtejn ivverbalizzat talba ghall-differiment biex ikun jista' jingab biex jixhed quddiem l-Ewwel Qorti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenzi taghha fil-kawzi "**Il-Pulizija vs. Clive Debono**"** **[14.9.2004],** "Il-Pulizija vs. Anne Montfort" **[30.9.2004] u** "Il-Pulizija vs. Kevin Debono" **[1.6.2006] kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t'incident u ccitat b' approvazzjoni s-sentenzii ta' din il-Qorti diversament preseduta: "**Il-Pulizija vs. Mario Saliba **[15.10.1982];; "**Il-Pulizija vs. Mario Magri" **[28.5.1993]; "**Il-Pulizija vs. Francis Callus**" [30.9.1993];** "Il-Pulizija vs. Anthony Zarb" **[22.10.1993]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et**." [3.12.1993] u** "l-Pulizija vs. Francis Borg." **[10.12.1993].**

"Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri"** [5.1.1996], li, ladarba ix-xhud ikun debitament notifikat u **sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih**, *(emfasi ta' din il-Qorti)* il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu

525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**” [25.7.1994] u ohrajn ).

***“Hu minnu wkoll li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell , l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe’ il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap.9 , l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. App. Krim.*** *“Il-Pulizija vs. Pierre Schembri”* ***[8.1.1996] u ohrajn.)”***

**Illi f’ dan il-kaz, minkejja li kien hemm riferta pozittiva tax xhud PS 238 Carter, li gie indikat bhala xhud sahansitra *in calce* tal-komparixxi, l-Ewwel Qorti ma ddifferietx il-kawza ghal data ohra w ordnat li dan ix-xhud jingieb quddiemha okkorrendo b’ mandat ta’ akkumpanjament jew addirittura t’ arrest, kif kien indikat li kellha taghmel fic-cirkostanzi, ladarba kien ovvju li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien jimpernja fuq dak li kien ser jixhed dan ix-xhud w ghalhekk kien xhud indispensabbli w ladarba il-prosekuzzjoni b’ ebda mod ma kienet rrinunzjat ghalih, anzi ghal kuntrarju darbtejn fl-istess seduta vverbalizzat talba ghal differiment biex tkun tista’ tipproduci lill-istess xhud.**

**Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti, dak li sar kien jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali w li jinkwadra pjenament taht l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kodici Kriminali, li proprju jaghti dritt t’ appell lill-Avukat Generali f’ kazijiet analogi.**

**Din il-Qorti tifhem u tapprezza s-sens ta’ frustrazzjoni li jista’ jkollha l-Ewwel Qorti meta tara li minhabba l-assenza ta’ xi partijiet, xhieda, avukati jew prosekuturi, ma tkunx tista’ twetttaq il-programm ta’ xoghol li jkollha ffissat fis-seduta li tkun qed tippresjedi. Tifhem ukoll li forsi l-Ewwel Qorti tkun trid taghti lezzjoni u messagg lill-Prosekuzzjoni biex ghall-futur tiehu hsieb li tara li x-xhieda taghha –**

**partikolarment dawk li jkunu membri tal-Korp tal-Pulizija – ma jonqsux milli jidhru biex jiddeponu quddiemha fil-jum stabbilit ghas-smiegh tal-kawza. Imma fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata.**

**Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tiddikjara is-sentenza appellata nulla u bla effett w, biex ma jcahhadx lill-appellant u l-appellat mill-beneficcju tad-"*doppio esame",* qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jinstema w jigi deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------